DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/226

tal-11 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/535/UE fir-rigward tad-definizzjoni ta' injam suxxettibbli u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'żoni demarkati

(notifikata bid-dokument C(2015) 645)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) L-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/535/UE [2] wasslet għall-konklużjoni li d-definizzjoni ta' injam suxxettibbli għandha tinkludi injam tal-koniferi (*Coniferales*) li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, doqqajs u kaxxi fejn ibejtu l-għasafar, billi jitqiesu ċertu riskji marbuta mal-moviment frekwenti ta' doqqajs u kaxxi bħal dawn. Barra minn hekk, din id-definizzjoni ma għandhiex tinkludi l-injam li jkun għadda minn proċess biex jitneħħa r-riskju li jkun fih in-nematodu tal-injam tal-arżnu (il-PWN — pine wood nematode).

(2) Minħabba n-natura tal-vettur, fiż-żoni ta' salvagwardja għandhom jitneħħew minnufih kull pjanta suxxettibbli li tinqata' u l-fdalijiet taz-zkuk isserrati.

(3) Jixraq li jiġi ċċarat li injam bla qoxra tas-siġar u li jkun sarlu trattament adattat tas-sħana skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/535/UE, jista' jiġi meqjus ukoll waqt l-istaġun ta' migrazzjoni tal-vettur.

(4) Għaldaqstant id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/535/UE għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/535/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) 'injam suxxettibbli' tfisser injam tal-koniferi (*Coniferales*) li jaqa' f'wieħed minn dawn il-punti:

(i) injam skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/29/KE;

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/535/UE tas-26 ta' Settembru 2012 dwar il-miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tat-tixrid fl-Unjoni tal-Bursaphelenchus xylophilus (Steiner et Buhrer) Nickle et al. (in-nematodu tal-injam tal-arżnu) (ĠU L 266, 2.10.2012, p. 42).

(ii) injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu;

(iii) injam fl-għamla ta' doqqajs u kaxxi fejn ibejtu l-għasafar.

Injam suxxettibbli ma tfissirx injam isserrat u bċejjeċ taz-zkuk ta' *Taxus* L. u *Thuja* L., u njam li jkun għadda minn proċess biex jitneħħa r-riskju li jkun fih in-nematodu tal-injam tal-arżnu (il-PWN)."

(2) Il-punt (d) tal-Artikolu 13(1) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) jimmarkaw skont l-Anness II mal-Istandard Internazzjoni tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15, kif stabbilit fil-punti 2(b) u 3(b) tat-Taqsima 1 tal-Anness III u l-punt 3 tat-Taqsima 2 ta' dak l-Anness, id-doqqajs, il-kaxxi fejn ibejtu l-għasafar u l-materjal tal-ippakkjar tal-injam trattat mill-faċilità tat-trattament konċernata skont, rispettivament, il-punti (a) u (c)."

(3) L-Artikolu 14(1) jinbidel b'dan li ġej:

"(1) L-Istati Membri fejn ikun hemm żona demarkata għandhom jawtorizzaw lill-produtturi tal-materjal tal-ippakkjar tal-injam, id-doqqajs u l-kaxxi mgħammra sew fejn ibejtu l-għasafar, biex il-materjal tal-ippakkjar, id-doqqajs u l-kaxxi fejn ibejtu l-għasafar li jibnu bl-injam trattat minn faċilità tat-trattament awtorizzata u akkumpanjat minn passaport tal-pjanti msemmi fid-Direttiva 92/105/KEE, jimmarkawh skont l-Anness II tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15.

Minn hawn 'il quddiem dawk il-produtturi jissejħu 'produtturi awtorizzati tal-materjal tal-ippakkjar tal-injam'".

(4) L-Annessi I, II u III huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/535/UE għandhom jiġu emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I jiddaħħal il-punt 9a li ġej:

"9a. Fiż-żoni kollha ta' salvagwardja, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw kull pjanta suxxettibbli li tinqata' u li mhix koperta bil-punti 7, 8 u 9. Dawn għandhom ineħħu dawk il-pjanti u l-fdalijiet taz-zkuk isserrati, filwaqt li jieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jipprevjenu li dawn jaġixxu bħala attrattanti tal-PWN u l-vettur tiegħu."

(2) Fl-Anness II jiddaħħal il-punt 3a li ġej:

"3a. Fiż-żoni kollha ta' salvagwardja, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw kull pjanta suxxettibbli li tinqata' ħlief dawk li jissemmew fil-punt 3(b). Dawn għandhom ineħħu dawk il-pjanti u l-fdalijiet taz-zkuk isserrati, filwaqt li jieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jipprevjenu li dawn jaġixxu bħala attrattanti tal-PWN u l-vettur tiegħu."

(3) Il-punti 2(b) u (c) tat-Taqsima 1 tal-Anness III jinbidlu b'dan li ġej:

"(b) Ikun akkumpanjat minn passaport tal-pjanti msemmi fid-Direttiva 92/105/KEE u maħruġ minn faċilità tat-trattament awtorizzata; rigward injam suxxettibbli li jkollu l-għamla ta' doqqajs u kaxxi fejn ibejtu l-għasafar, dan jiġi akkumpanjat minn dak il-passaport tal-pjanti jew jiġi mmarkat skont l-Anness II tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15.

(c) Jekk ikollu qoxra tas-siġar, dan ma għandux jiċċaqlaq fl-istaġun ta' migrazzjoni tal-vettur jew inkella għandu jiċċaqlaq b'għata protettiva li tiżgura li ma ssirx infestazzjoni bil-PWN jew bil-vettur."